A.L. 330 tal-2010

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Regolamenti tal-2010 dwar Kreditu lill-Konsumatur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, il-Ministru responsabbli għall-Affarijiet tal-Konsumatur, wara konsultazzjoni mal-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA 1
PRELIMINARI

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2010 dwar Kreditu lill-Konsumatur.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-1 ta' Ottubru, 2010.

2. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta'April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE.

TAQSIMA 2
TIFSIR

Tifsir.

3. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:-

"ammont totali ta' kreditu" tfisser il-limitu massimu jew is-somom totali disponibbli taħt ftehim ta' kreditu;

"ammont totali pagabbli mill-konsumatur" tfisser is-somma tal-ammont totali tal-kreditu u l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur; Kap. 378.

"id-Direttur" tfisser id-Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur kif imfisser fl-Att;

"faċilità ta' *overdraft*" tfisser ftehim ta' kreditu espliċitu li bih kreditur jagħmel disponibbli lill-konsumatur fondi li jaqbżu l-bilanċ kurrenti tal-kont kurrenti tal-konsumatur;

"ftehim ta’ kreditu" tfisser ftehim li bih kreditur jagħti jew iwiegħed li jagħti lil konsumatur kreditu fil-forma ta' ħlas differit, self jew akkomodazzjoni finanzjarja simili oħra, ħlief għal ftehim ta’ forniment fuq bażi kontinwa ta' servizzi jew il-forniment ta' oġġetti tal-istess xorta, fejn il-konsumatur iħallas għal dawk is-servizzi jew oġġetti għat-tul ta' żmien tal-provvista tagħhom permezz ta' ħlasijiet bin-nifs;

"ftehim ta’ kreditu konness" tfisser il-ftehim ta’ kreditu meta:

(a) il-kreditu in kwistjoni jservi esklussivament biex jiffinanzja ftehim għall-forniment ta' oġġetti speċifiċi jew il-provvista ta' servizzi speċifiċi; u

(b) dawk iż-żewġ ftehim jifformaw, minn perspettiva oġġettiva, unità kummerċjali;

Għall-finijiet ta’ din it-tifsira, unità kummerċjali għandha tiġi kkunsidrata li teżisti fejn il-fornitur jew dak li jipprovdi servizz innifsu jiffinanzja l-kreditu lill-konsumatur jew, jekk ikun iffinanzjat minn terza parti, fejn il-kreditur juża s-servizzi tal-fornitur jew ta' dak li jipprovdi s-servizz b'konnessjoni mal-konklużjoni jew it-tħejjija tal-ftehim ta' kreditu, jew fejn l-oġġetti speċifiċi jew il-provvista ta' servizz speċifiku huma espliċitament speċifikati fil-ftehim ta' kreditu;

"intermedjarju ta’ kreditu" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx qed taġixxi bħala kreditur u li, matul il-kors tal-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha, bi ħlas, li jista' jkun pekunarju jew f’kull forma miftiehma oħra ta' konsiderazzjoni finanzjarja:

(i) tippreżenta jew toffri ftehim ta' kreditu lill-konsumatur;

(ii) tassisti lill-konsumatur billi tagħmel ħidma ta' tħejjija fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu minbarra dawk msemmija f’(i); jew

(iii) tikkonkludi ftehim ta' kreditu mal-konsumatur f'isem il-kreditur;

"konsumatur" tfisser persuna fiżika li, fit-tranżazzjonijiet koperti b’dawn ir-regolamenti, tkun qed taġixxi għall-finijiet li huma barra mill-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha;

"kreditur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tagħti jew twiegħed li tagħti kreditu matul il-kors tal-kummerċ, negozju jew professjoni tagħha;

"mezz durabbli" tfisser kull strument li jippermetti lill-konsumatur jaħżen informazzjoni indirizzata lilu personalment b'mod li tkun aċċessibbli għal referenza futura għal perjodu ta' żmien adekwat għall-finijiet tal-informazzjoni u li tippermetti r-riproduzzjoni mhix mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

"Nutar Pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili; Kap. 55.

"*overrunning*" tfisser *overdraft* aċċettat taċitament li bih kreditur jagħmel disponibbli lill-konsumatur fondi li jaqbżu l-bilanċ kurrenti fil-kont kurrenti tiegħu jew il-faċilità ta' *overdraft* miftiehma;

"rata perċentwali annwali ta' ħlas" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt ir-regolament 21;

"rata ta' self" tfisser ir-rata ta' mgħax espressa bħala perċentwal fiss jew varjabbli applikata fuq bażi annwali fuq l-ammont ta' kreditu miġbud;

"rata fissa ta' self" tfisser li l-kreditur u l-konsumatur jaqblu fil-ftehim ta' kreditu fuq rata ta' self waħda għat-tul kollu tal-ftehim tal-kreditu jew jaqblu fuq diversi rati ta' self għal perjodu parzjali billi jużaw esklussivament perċentwali speċifiku fiss. Jekk fil-ftehim ta' kreditu ma jkunux stabbiliti r-rati ta' self kollha, ir-rata ta' self għandha tkun ikkonsidrata bħala fissa biss għall-perjodi parzjali li għalihom ir-rati ta' self ikunu stabbiliti esklussivament permezz ta' perċentwali speċifika fissa miftiehma fil-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu;

"spiża totali tal-kreditu lill-konsumatur" tfisser l-ispejjeż kollha, inklużi mgħaxijiet, kummissjonijiet, taxxi, u kull tip ta' ħlasijiet oħra li l-konsumatur għandu jħallas b'konnessjoni mal-ftehim ta' kreditu u li huma magħrufa lill-kreditur, ħlief spejjeż notarili; l-ispejjeż relatati ma' servizzi anċillari fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu, b'mod partikolari *premia* ta' assigurazzjoni, huma inklużi wkoll jekk, il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz huwa obbligatorju wkoll biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu skont it-termini u l-kondizzjonijiet kummerċjalizzati; u

"Stat Membru" għandu jkollha l-istess tifisira mogħtija lilha fl-Att.

TAQSIMA 3
KAMP TA' APPLIKAZZJONI U APPLIKABILITÀ

4. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ftehim ta' kreditu lill-konsumatur. Kamp ta' applikazzjoni.

(2) Bla ħsara għas-subregolament (1), dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ftehim ta' kreditu:

(a) li daħlu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda il-ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa li jkunu saru qabel l-1 t'Ottubru, 2010 għandhom ikunu regolati bir-regolamenti 12(4)(a), 12(4) (b), 12(5), 13, 17, 18(2) u 18(3);

(b) li jkunu garantiti b'ipoteka, privileġġ, jew ħlas tar-reġistru tal-artijiet, jew garantiti bi dritt relatat ma' proprjetà immobbli;

(ċ) li l-għan tagħhom huwa li jakkwistaw jew li jżommu d-drittijiet ta' proprjetà fuq l-art u jew fuq bini eżistenti jew ipproġettat;

(d) li jinvolvu ammont totali ta' kreditu ta' inqas minn mitejn euro (€200) jew iżjed minn ħamsa u sebgħin elf euro (€ 75,000);

(e) li jkunu dwar ftehim ta' kiri jew dwar ftehim ta' *leasing* fejn m'hemm previst ebda obbligu għax-xiri tal-oġġett tal-ftehim la bil-ftehim innifsu u lanqas b'xi ftehim separat. Obbligu bħal dak għandu jitqies li jeżisti jekk ikun deċiż hekk b'mod unilaterali mill-kreditur;

(f) li jkunu f'forma ta' faċilità ta' *overdraft* u fejn il-kreditu jrid jintradd lura fi żmien xahar, ħlief għar-regolament 9;

(ġ) fejn il-kreditu jingħata mingħajr mgħaxijiet u mingħajr xi ħlasijiet oħra;

(ħ) li taħt it-termini tagħhom il-kreditu għandu jintradd lura fi żmien tliet xhur u jkunu pagabbli biss ħlasijiet insinifikanti;

(i) fejn il-kreditu jingħata minn prinċipal lill-impjegati tiegħu bħala attività sekondarja mingħajr mgħax jew b'rati perċentwali annwali ta' ħlas aktar baxxi minn dawk prevalenti fis-suq u li mhumiex offruti lill-pubbliku;

(j) li jkunu konklużi ma' kumpanniji ta' investiment kif stabbilit fl-artikolu 2 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment jew ma' banek jew istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjoni ta' flus elettroniċi kif stabbilit fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għall-finijiet li investitur ikun jista' jwettaq transazzjoni

Kap. 370.

Kap. 371.

relatata mal-istrument wieħed jew aktar elenkati fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Servizzi ta’ Investiment, fejn il-kumpannija Ewropea ta' investiment jew l-bank jew l-istituzzjoni ta' kreditu jew l-istituzzjoni ta’ flus elettroniċi li jagħtu l-kreditu hija involuta f'dik it-transazzjoni;

(k) li huma r-riżultat ta' ftehim milħuq fil-qorti jew quddiem awtorità statutorja oħra;

(l) li jirrigwardaw ħlas differit, mingħajr ħlas, ta' dejn eżistenti;

(m) li mal-konklużjoni tagħhom il-konsumatur huwa mitlub jiddepożita oġġett bħala garanzija fil-kustodja żgura tal-kreditur u fejn l-obbligu tal-konsumatur huwa strettament limitat għal dak l-oġġett mirhun; u

(n) li jirrigwardaw self mogħti lil pubbliku ristrett taħt disposizzjoni statutorja b'fini ta' interess ġenerali b'rati ta' mgħax aktar baxxi minn dawk prevalenti fis-suq jew mingħajr mgħax jew b'termini oħra li jkunu aktar favorevoli għall-konsumatur minn dawk prevalenti fis-suq u b'rati ta' mgħax li mhumiex ogħla minn dawk prevalenti fuq is-suq.

(3) Ftehim ta’ kreditu fil-forma ta’:

(a) faċilità ta' *overdraft* u fejn il-kreditu jrid jintradd lura fuq talba jew fi żmien tliet xhur, huma suġġetti biss għar-regolamenti 1, 2, 3, għal proviso 4(2)(a), 5(3), 5(4), 8 sa 10, 11(3), 12(1), 12(2), 12(3), 12(5), 15, 17, 19(1), 19(2)(a) sa (d), 20 sa 24; u

(b) *overrunning*, huma suġġetti biss għar-regolamenti 1 sa 4, 18, 22 sa 25.

(4) Ftehim ta’ kreditu li jipprovdu għal arranġamenti li għandhom jiġu miftiehma mill-kreditur u l-konsumatur fir-rigward ta' ħlas differit jew metodi ta' radd lura, fejn il-konsumatur ikun diġà naqas milli jħallas fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu inizjali u fejn:

(a) dawk l-arranġamenti jkollhom il-probabbiltà li jevitaw il-possibbiltà ta' proċedimenti legali rigward nuqqas ta’ ħlas; u

(b) il-konsumatur ma jkunx b'hekk soġġett għal termini inqas favorevoli minn dawk stabbiliti fil-ftehim ta' kreditu inizjali,

ikunu soġġetti biss għar-regolamenti 1 sa 4, 5(3), 5(4), l-applikazzjoni tar-regolament 7(a) sa (f), paragrafi (h), (i) u (m) sakemm tapplika l-informazzjoni li tkun inkluża fil-ftehim ta' kreditu, 8, 9, 11(3), 12(1) limitat għal-ewwel sentenza tiegħu rigward il-ftehim ta' kreditu msemmi fis-subregolament 11(3) li jkun bil-miktub jew permezz ta' mezz durabbli, 12(1)(b), 12(2), 12(4), 13, 16, 18, 20 sa 25.

Iżda il-ftehim ta' kreditu fil-forma ta' faċilita' ta' overdraft u fejn il-kreditu irid jintradd lura fuq talba jew fi żmien tlett xhur, għandhom jiġu regolati bis-subregolament (3)(a).

TAQSIMA 4
OBBLIGAZZJONIJIET TAL-KREDITUR U TAL-INTERMEDJARJU TA' KREDITU

Obbligazzjoni għal ħarsien tar-regolamenti.

5. (1) Il-kreditur għandu jieħu il-passi neċessarji kollha biex jiżgura l-ħarsien sħiħ ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, sakemm mhux provdut xort'oħra, l-obbligazzjonijiet tal-kreditur għandhom japplikaw bl-istess mod għall-intermedjarju ta' kreditu fejn intermedjarju ta' kreditu jippreżenta jew joffri ftehim ta' kreditu lill-konsumatur, jassisti lill-konsumatur billi jagħmel ħidma ta' tħejjija fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu, jew jikkonkludi ftehim ta' kreditu mal-konsumatur f'isem il-kreditur.

Obbligazzjoni ta' intermedjarju ta' kreditu lejn il-konsumatur.

(3) Fil-każ fejn intermedjarju ta' kreditu jieħu sehem jew ikun bi ħsiebu jieħu sehem skont id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2), l-intermedjarju ta' kreditu għandu:

(a) jindika f'reklamar u dokumentazzjoni maħsuba għall-konsumatur sa fejn jaslu s-setgħat tiegħu, b'mod partikolari jekk jaħdimx esklussivament ma' kreditur wieħed jew aktar jew bħala sensal independenti;

(b) jgħarraf il-ħlas, jekk ikun hemm, pagabbli mill-konsumatur għas-servizzi tiegħu, liema ħlas ikun miftiehem bil-miktub jew permezz ta' mezz durabbli bejn l-konsumatur u l-intermedjarju ta' kreditu qabel il-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu; u

(ċ) jgħarraf il-ħlas, jekk ikun hemm, pagabbli mill-konsumatur lill-intermedjarju ta' kreditu għas-servizzi tiegħu lill-kreditur sabiex tiġi kkalkolata r-rata perċentwali annwali ta' ħlas.

(4) Ir-regolamenti 6 sa 9 m'għandhomx japplikaw għal forniturі ta' oġġetti jew servizzi li jkunu qed jaġixxu ta' intermedjarji ta' kreditu f'kapaċità anċillari. Dan huwa mingħajr ħsara lejn l-obbligazzjoni tal-kreditur li jiżgura illi l-konsumatur jirċievi l-informazzjoni prekuntrattwali msemmija taħt ir-regolamenti 7 u 8.

Obbligazzjoni ta' tagħrif ta' informazzjoni prekuntrattwali.

6. (1) Fi żmien debitu qabel ma jiġi konkluż ftehim ta' kreditu, il-kreditur, u fejn applikabbli intermedjarju ta' kreditu, skont il-kondizzjonijiet u t-termini ta' kreditu offruti mill-kreditur, u filwaqt li jieħu kont tal-preferenzi espressi u l-informazzjoni mogħtija lill-konsumatur, għandu jgħarraf lill-konsumatur bl-informazzjoni skont ir-regolament 7, sabiex jassisti lill-konsumatur iqabbel offerti differenti biex jasal għal deċiżjoni informata dwar jekk jikkonkludix ftehim ta' kreditu mal-kreditur.

(2) Fir-rigward ta' ftehim ta' kreditu li jaqgħu taħt ir-regolament 7, il-kreditur, u fejn applikabbli, l-intermedjarju ta' kreditu, għandu jagħti spjegazzjonijiet adekwati lill-konsumatur sabiex ipoġġi lill-konsumatur f'pożizzjoni li jkun jista' iqis jekk il-ftehim ta' kreditu propost huwiex adatt għall-ħtiġiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, fejn xieraq billi jispjega l-informazzjoni prekuntrattwali provduta taħt ir-regolament 7, il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti u l-effetti speċifiċi illi jistgħu ikollhom fuq il-konsumatur, inkluż l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ħlas mill-konsumatur.

Kontenut tal-informazzjoni prekuntrattwali.

7. (1) L-informazzjoni li għandha tiġi mgħarrfa lill-konsumatur mill-kreditur jew mill-intermedjarju ta' kreditu taħt ir-regolament 6(1), ħlief dawk il-konsumaturi li l-ftehim ta' kreditu tagħhom huwa regolat bir-regolamenti 8 u 9, għandha tispeċifika:

(a) it-tip ta' kreditu provdut fil-ftehim;

(b) l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-kreditur u, fejn applikabbli, tal-intermedjarju ta' kreditu;

(ċ) l-ammont totali ta' kreditu provdut fil-ftehim u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ġbid tal-kreditu;

(d) it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu;

(e) f'każijiet ta' kreditu fil-forma ta' ħlas differit għall-oġġetti jew servizzi speċifiċi jew ftehim ta' kreditu konnessi magħhom, l-oġġetti, servizzi u l-prezz ta' ħlas fil-pront tagħhom;

(f) ir-rata ta' self, il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni tar-rata ta' self u, fejn disponibbli, kull indiċi jew rata ta' referenza applikabbli għar-rata inizjali ta' self, kif ukoll il-

perjodi, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għal bidliet fir-rata ta' self; u jekk japplikaw rati ta' self differenti f'ċirkostanzi differenti, l-informazzjoni hawn fuq imsemmija għandha tkun provduta għar-rati applikabbli kollha;

(ġ) ir-rata perċentwali annwali ta' ħlas u l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur murija permezz ta' eżempju rappreżentattiv li jsemmi s-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu ta' dik ir-rata. Fejn il-konsumatur ikun informa lill-kreditur dwar komponent wieħed jew aktar tal-kreditu preferut tiegħu, bħat-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu u l-ammont totali ta' kreditu, il-kreditur għandu jieħu kont ta' dawn il-komponenti; jekk ftehim ta' kreditu jipprovdi modi differenti għall-ġbid ta' kreditu bi ħlasijiet jew rati tas-self differenti u l-kreditur juża l-suppożizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tat-Tieni Parti tat-Tielet Skeda, huwa għandu jindika li l-mekkaniżmi għall-ġbid ta' kreditu oħra għal dan it-tip ta' ftehim ta' kreditu jistgħu jirriżultaw f'rati perċentwali annwali ta' ħlas ogħla;

(ħ) l-ammont, in-numru u l-frekwenza tal-ħlasijiet li għandhom isiru mill-konsumatur u fejn ikun xieraq, l-ordni li biha l-ħlasijiet ser ikunu allokati għal bilanċi pendenti differenti b'rati ta' self differenti għall-finijiet ta' rimborż;

(i) fejn ikun japplika, il-ħlasijiet għaż-żamma ta' kont wieħed jew ta' diversi kontijiet biex jiġu reġistrati kemm transazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll ġbid ta' kreditu, sakemm il-ftuħ ta' kont mhuwiex fakoltattiv, u l-ħlasijiet għall-użu ta' mezz ta' ħlas kemm għal transazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll għall-ġbid ta' kreditu;

(j) fejn ikun japplika, kull ħlas ieħor li jirriżulta mill-ftehim ta' kreditu u l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu mibdula dawn il-ħlasijiet;

(k) fejn ikun japplika, stqarrija illi l-ħlasijiet ikunu ser jitħallsu mill-konsumatur lin-nutar pubbliku meta jiġi konkluż il-ftehim ta' kreditu;

(l) l-obbligu, jekk ikun hemm, li wieħed jidħol f' kuntratt ta' servizzi anċillari relatat mal-ftehim ta' kreditu tal-konsumatur, b'mod partikolari servizzi ta' assigurazzjoni, meta il-konklużjoni ta' dak il-kuntratt tkun obbligatorja biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu bit-termini u l-kondizzjonijiet kummerċjalizzati;

(m) ir-rata ta’ mgħax applikabbli fil-każ ta' ħlasijiet tard jew maqbuża u l-arranġamenti għall-aġġustament tagħha, u fejn ikun japplika, xi ħlasijiet dovuti minħabba nuqqas ta' ħlas;

(n) twissija dwar il-konsegwenzi ta’ qbiż ta’ ħlasijiet;

(o) fejn ikun japplika, il-garanziji meħtieġa li jridu jiġu identifikati mill-konsumatur;

(p) fil-każ ta’ ftehim ta’ kreditu li permezz tiegħu ħlasijiet magħmula minn konsumatur ma jwasslux għal amortizzament korrispondenti immedjat tal-ammont totali ta' kreditu, iżda jintużaw biex jikkostitwixxu kapital matul il-perjodi u taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' kreditu jew fi ftehim anċillari, stqarrija ċara u konċiża li dawk il-ftehim ta' kreditu ma jipprovdux garanzija għar-radd lura tal-ammont totali ta' kreditu miġbud taħt il-ftehim ta' kreditu sakemm ma tingħatax dik il-garanzija;

(q) l-eżistenza jew in-nuqqas ta' dritt ta' rtirar;

(r) id-dritt tal-konsumatur għall-ħlas lura bikri u fejn ikun japplika id-dritt tal-kreditur għal kumpens u l-mod kif dan il-kumpens għandu jiġi stabbilit skont ir-regolament 16;

(s) id-dritt tal-konsumatur li jiġi infurmat minnufih u mingħajr ħlas skont ir-regolament 20(2) tar-riżultat tal-konsultazzjoni mad-*database* mwettqa għall-finijiet ta’ valutazzjoni fuq l-affidabbiltà finanzjarja tiegħu;

(t) fejn ikun japplika, il-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur huwa marbut bl-informazzjoni prekuntrattwali; u

(u) id-dritt tal-konsumatur illi jingħata, meta jitlob u mingħajr ħlas, kopja tal-abbozz tal-ftehim ta’ kreditu mingħand il-kreditur. Din id-disposizzjoni m’għandhiex tapplika jekk l-kreditur fil-ħin tat-talba ma jkunx lest li jipproċedi bil-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu mal-konsumatur.

(2) L-informazzjoni taħt is-subregolament (1) għandha tkun provduta permezz tal-formola mniżżla fl-Ewwel Skeda:

Iżda l-kreditur ikun meqjus li ħares l-obbligu li jipprovdi informazzjoni taħt dan ir-regolament u li jipprovdi informazzjoni taħt ir-regolamenti 5(1) u (2) tar-Regolamenti dwar *Distance Selling (Retail Financial Services)*, jekk il-kreditur ikun provda l-informazzjoni fil-formola elenkata fl-Ewwel Skeda.

L.S. 330.07.

(3) Jekk il-kreditur jipprovdi lill-konsumatur informazzjoni addizzjonali minn dik identifikata fis-subregolament (1), dokument separat għandu jkun provdut għal dan il-għan, u għandu jiġi anness ma' dak imsemmi fis-subregolament (2).

(4) Fil-każ ta' komunikazzjoni ta' telefonija bil-vuċi, kif imsemmi fir-regolament 5(3) tar-Regolamenti dwar *Distance Selling (Retail Financial Services)*, deskrizzjoni li għandha tingħatha tal-karatteristiċi ewlenin tas-servizzi finanzjarji skont it-tieni *indent* tal-*proviso* tar-regolament 5(5) ta' dawk ir-regolamenti għandha tispeċifika, tal-anqas:

(a) l-ammont totali ta' kreditu u l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-ġbid tal-kreditu;

(b) it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu;

(ċ) l-oġġetti, servizzi u l-prezz ta' ħlas fil-pront f'każijiet ta' kreditu fil-forma ta' ħlas differit għal oġġetti jew servizzi speċifiċi jew ftehim ta' kreditu konness magħhom;

(d) ir-rata ta' self, il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni tar-rata ta' self u, kull indiċi jew rata ta' referenza disponibbli għar-rata inizjali ta' self, kif ukoll il-perjodi, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għal bidliet fir-rata ta' self; u jekk japplikaw rati ta' self differenti f'ċirkostanzi differenti, l-informazzjoni msemmija hawn fuq għandha tkun provduta għar-rati applikabbli kollha;

(e) l-ammont, in-numru u l-frekwenza tal-ħlasijiet li għandhom isiru mill-konsumatur u fejn ikun xieraq, l-ordni li biha l-ħlasijiet ser ikunu allokati għal bilanċi pendenti differenti b'rati ta' self differenti għall-finijiet ta' rimborż;

(f) ir-rata perċentwali annwali ta' ħlas permezz ta' eżempju rappreżentattiv; u

(ġ) l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur.

(5) Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż fuq it-talba tal-konsumatur bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li l-informazzjoni tkun provduta skont is-subregolament (1), b'mod partikolari għal każ msemmi fis-subregolament (4), il-kreditur għandu jipprovdi lill-konsumatur bl-informazzjoni prekuntrattwali sħiħa, bl-użu tal-formula mniżżla fl-Ewwel Skeda, minnufih wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu.

Informazzjoni prekuntrattwali dwar faċilità ta' *overdraft* fejn kreditu jrid jintradd lura fuq talba jew fi żmien tliet xhur.

8. (1) Fil-każ ta' ftehim ta' kreditu fil-forma ta' faċilità ta' *overdraft* u fejn il-kreditu jrid jintradd lura fuq talba jew fi żmien tliet xhur, il-kreditur u, fejn ikun japplika l-intermedjarju tal-kreditu, fi żmien debitu qabel ma jsir il-ftehim, għandu jgħarraf lill-konsumatur, skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kreditu offruti mill-kreditur u, jekk ikun japplika, il-preferenzi espressi u l-informazzjoni mogħtija lill-konsumatur, sabiex ikun jista' jqabbel offerti differenti sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni informata dwar jekk jikkonkludix ftehim ta' kreditu, bl-informazzjoni li għandha tispeċifika:

(a) it-tip ta' kreditu li ser ikun provdut fil-ftehim;

(b) l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-kreditur u, fejn ikun japplika, tal-intermedjarju ta' kreditu;

(ċ) l-ammont totali ta' kreditu li jkun ser jiġi provdut skont il-ftehim;

(d) it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu;

(e) ir-rata ta' self, il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dik ir-rata u kull indiċi jew rata ta' referenza applikabbli għar-rata inizjali ta' self, il-ħlasijiet applikabbli minn meta l-ftehim ta' kreditu ikun konkluż, u fejn japplika, il-kondizzjonijiet taħt liema dawk il-ħlasijiet jistgħu jinbidlu;

(f) il-kondizzjonijiet u l-proċedura għat-terminazzjoni tal-ftehim ta' kreditu;

(ġ) fejn japplika, indikazzjoni li l-konsumatur jista' jintalab irodd lura l-ammont totali ta' kreditu f'kull ħin;

(ħ) ir-rata ta' mgħax li tapplika f'każ ta' ħlas tard u l-arranġamenti għall-aġġustament tagħha, u, fejn ikun japplika, kull ħlas dovut minħabba nuqqas ta' ħlas;

(i) il-ħlasijiet li japplikaw minn meta jkun sar il-ftehim ta' kreditu u, jekk japplika, il-kondizzjonijiet taħt liema dawk it-ħlasijiet jistgħu jinbidlu;

(j) id-dritt tal-konsumatur li jiġi infurmat minnufih u mingħajr ħlas skont ir-regolament 20(2) bir-riżultat ta' konsultazzjoni ta' *database* li tkun saret bil-għan li tiġi valutata l-affidabbiltà finanzjarja tiegħu; u

(k) jekk ikun japplika, il-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur huwa marbut bl-informazzjoni prekuntrattwali.

(2) L-informazzjoni taħt is-subregolament (1) għandha tkun provduta bil-miktub jew permezz ta’ mezz durabbli, u tista’ tiġi provduta permezz tal-formola elenkata fit-Tieni Skeda:

Iżda il-kreditur ikun ħares l-obbligu li jipprovdi informazzjoni taħt dan ir-regolament u li jipprovdi informazzjoni taħt ir-regolamenti 5(1) u (2) tar-Regolamenti dwar *Distance Selling (Retail Financial Services)*, jekk il-kreditur ikun provda l-informazzjoni msemmija fit-Tieni Skeda.

L.S. 330.07.

(3) Fil-każ ta' komunikazzjoni ta' telefonija bil-vuċi u fejn il-konsumatur jitlob li l-faċilità ta' *overdraft* tkun disponibbli b'effett immedjat, id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tas-servizz finanzjarju għandha tinkludi tal-inqas il-punti msemmija taħt is-subregolament (1)(ċ), (e) u (ġ). Barra minn hekk, fi ftehim ta' kreditu tat-tip msemmija fis-subregolament (4), id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin għandha tispeċifika t-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu.

Informazzjoni prekuntrattwali dwar arranġamenti miftiehma mill-konsumatur u l-kreditur fir-rigward ta’ ħlasijiet differit.

(4) Fil-każ ta’ ftehim ta’ kreditu kif msemmi fir-regolament 4(4), il-kreditur għandu jipprovdi lill-konsumatur:

(a) l-informazzjoni msemmija taħt is-subregolamenti (1)(a) sa (f), (ħ), (j) u (k);

(b) l-ammont, in-numru u l-frekwenza tal-ħlasijiet li għandhom isiru mill-konsumatur u fejn ikun xieraq, l-ordni li biha l-ħlasijiet ser ikunu allokati għal bilanċi pendenti differenti b'rati ta’ self differenti għall-finijiet ta' rimborż;

(ċ) id-dritt ta’ radd lura bikri, u, meta ikun japplika, l-informazzjoni dwar id-dritt tal-kreditur għal kumpens u l-mod li bih l-kumpens ser ikun stabbilit; u

(d) ir-rata annwali perċentwali ta’ ħlas, murija permezz ta' eżempji rappreżentattivi li jsemmu l-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu ta' din ir-rata:

Iżda meta il-ftehim ta’ kreditu ikun fil-forma ta’ faċilita’ ta’ *overdraft* u meta il-kreditu irid jintradd lura fuq talba jew fi żmien tlett xhur, għandu jiġi regolat bis-subregolament (1).

(5) Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż fuq it-talba tal-konsumatur bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li l-informazzjoni tkun provduta skont is-subregolamenti (1), (2) u (4), inklużi l-każi msemmija fis-subregolament (3), il-kreditur għandu minnufih wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu, jaqdi l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt is-subregolamenti (1), (2) u (4) billi

jipprovdi l-informazzjoni prekuntrattwali skont ir-regolament 12 sa fejn ikun japplika dak ir-regolament.

Informazzjoni prekuntrattwali dwar faċilità ta' *overdraft* fejn l-kreditu jrid jintradd lura fi żmien xahar.

9. Minkejja r-regolament 4(2)(f), il-ħtiġijiet tal-ewwel sentenza tar-regolament 8(3) għandhom japplikaw għal ftehim ta' kreditu fil-forma ta' faċilita' ta' *overdraft* u meta l-kreditu jrid jintradd lura fi żmien xahar.

Affidabbiltà finanzjarja.

10. (1) Qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu, il-kreditur għandu jivvaluta l-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur fuq il-bażi ta' informazzjoni biżżejjed meħuda, fejn ikun xieraq, mingħand il-konsumatur, u fejn neċessarju, fuq il-bażi ta' konsultazzjoni tad-*database* rilevanti.

(2) Jekk il-partijiet jaqblu li jbiddlu l-ammont totali ta' kreditu wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu, il-kreditur għandu:

(a) jaġġorna l-informazzjoni finanzjarja għad-dispożizzjoni tiegħu dwar il-konsumatur; u

(b) jivvaluta l-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur, qabel l-ammont totali tal-kreditu jiżdied b'mod sinifikanti.

TAQSIMA 5
DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR

Dritt li jirċievi kopja tal-ftehim.

11. (1) Il-konsumatur għandu d-dritt li jirċievi, mingħajr ħlas, u meta jitlob, kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu.

(2) Is-subregolament (1) ma japplikax jekk il-kreditur, fil-ħin tat-talba mill-konsumatur, ma jkunx lest li jipproċedi bil-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu mal-konsumatur.

(3) Fil-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu, il-partijiet kontraenti kollha ikunu intitolati jirċievu, kopja tal-ftehim finali.

Kontenut tal-ftehim ta' kreditu lill-konsumatur.

12. (1) Il-ftehim ta' kreditu lill-konsumatur msemmi fir-regolament 11(3) għandu jkun bil-miktub jew permezz ta' mezz durabbli u għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni mniżżla taħt ir-regolament 7(1)(a), (ċ) sa (f), (ħ), (i), (j), (n) u (o);

(b) l-identitajiet u l-indirizzi ġeografiċi tal-partijiet kontraenti kif ukoll, jekk ikun japplika, l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju ta' kreditu involut;

(ċ) ir-rata perċentwali annwali ta' ħlas u l-ammont

totali pagabbli mill-konsumatur kkalkolat fiż-żmien meta jiġi konkluż il-ftehim ta’ kreditu:

Iżda s-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu ta’ dik ir-rata għandhom jissemmew;

(d) fejn ikun involut amortizzament ta' kapital ta' ftehim ta' kreditu b'tul ta' żmien fiss, id-dritt tal-konsumatur li jirċievi, fuq talba u mingħajr ħlas, f’kull żmien fit-tul kollu tal-ftehim ta' kreditu, rendikont fil-forma ta' tabella ta' amortizzament.

It-tabella ta’ amortizzament għandha:

(i) tindika il-ħlasijiet dovuti u l-perjodi u kondizzjonijiet relatati mal-ħlas ta’ dawk l-ammonti;

(ii) ikollha analiżi ta’ kull radd lura li turi l-amortizzament ta’ kapital;

(iii) ikollha l-imgħax kkalkolat fuq il-bażi tar-rata ta’ self; u

(iv) meta l-imgħax mhux fiss jew meta l-ispejjeż addizzjonali jistgħu jinbidlu taħt il-ftehim ta’ kreditu, tindika b’mod ċar u konċiż illi ż-żmien msemmi fit-tabella jibqa’ validu biss sa dak iż-żmien li r-rata ta’ self jew l-ispejjeż addizzjonali jinbidlu skont il-ftehim ta’ kreditu;

(e) jekk ħlasijiet u mgħaxijiet jkollhom jitħallsu mingħajr amortizzament ta' kapital, ikollha rendikont li juri l-perjodi u l-kondizzjonijiet tal-ħlas tal-mgħaxijiet u ta' kull ħlas rikorrenti u mhux rikorrenti assoċjati magħhom;

(f) ir-rata ta’ imgħax applikabbli fil-każ ta’ ħlasijiet kif applikabbli fiż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim ta’ kreditu u l-arranġament għall-aġġustament tagħha u, fejn ikun japplika, kull ħlas dovut minħabba nuqqas ta’ pagament;

(ġ) l-eżistenza jew in-nuqqas ta' dritt ta' rtirar kif ukoll il-kondizzjonijiet annessi ma’ dak id-dritt, liema kondizzjonijiet għandhom jinkludu:

(i) il-perjodu li matulu id-dritt jista’ jiġi eżerċitat;

(ii) l-informazzjoni dwar l-obbligazzjoni tal-konsumatur li jħallas il-kapital miġbud u l-interessi skont ir-regolament 14(3)(b); u

(iii) l-ammont ta’ mgħax pagabbli għal kull jum;

(ħ) l-informazzjoni li tirrigwarda dawk id-drittijiet li jirrizultaw taħt ir-regolamenti 15 u 16 u l-kondizzjonijiet annessi ma’ dak id-dritt;

(i) il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-eżerċizzju tad-dritt ta' terminazzjoni tal-ftehim ta' kreditu;

(j) jekk hemm jew m’hemmx proċedura barra mill-qorti għall-konsumatur biex iressaq ilment, il-mekkaniżmu ta’ rimedju disponibbli u l-metodi ta' aċċess għalih;

(k) fejn ikun japplika, l-isem u l-indirizz tal-awtorità ta' kontroll kompetenti;

(l) fejn ikun japplika, termini u kondizzjonijiet kuntrattwali oħra; u

(m) fejn ikun japplika, dikjarazzjoni illi ħlasijiet notarili għandhom jitħallsu.

(2) Fil-każ ta' ftehim ta' kreditu taħt liema il-ħlasijiet magħmula mill-konsumatur ma jwasslux għal amortizzament korrispondenti immedjat tal-ammont totali ta' kreditu, imma jintużaw biex jikkostitwixxu kapital matul perjodi u taħt kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' kreditu jew fi ftehim anċillari, l-informazzjoni mniżżla fis-subregolament (1) għandha, sakemm ma tingħatax garanzija, tinkludi dikjarazzjoni ċara u konċiża li dawk il-ftehim ta' kreditu ma jirrikjedu l-ebda garanzija ta' radd lura tal-ammont totali ta' ġbid ta' kreditu taħt il-ftehim ta’ kreditu.

(3) Fil-każ ta’ ftehim ta’ kreditu li jaqa’ taħt ir-regolament 8(1), il-ftehim għandu jispeċifika, b’mod ċar u preċiż, l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tip ta’ kreditu;

(b) l-identitajiet u l-indirizzi ġeografiċi tal-partijiet kontraenti u, jekk ikun japplika, tal-intermedjarju ta' kreditu involut;

(ċ) l-ammont totali ta' kreditu u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ġbid ta' kreditu;

(d) ir-rata ta’ self u l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni tar-rata ta’ self u, l-indiċi jew ir-rata ta' referenza li jkunu japplikaw għar-rata inizjali ta’ self, kif ukoll il-perjodi, il-

kondizzjonijiet u l-proċedura għal bidliet fir-rata ta’ self; jekk japplikaw rati ta’ self differenti f'ċirkostanzi differenti, l-informazzjoni msemmija hawn fuq għandha tapplika għar-rati rispettivi kollha;

(e) indikazzjoni li l-konsumatur jista', f’kull ħin, jiġi mitlub irodd lura l-ammont ta' kreditu sħiħ;

(f) il-kondizzjonijiet relatati mal-eżerċizzju tad-dritt ta’ rtirar mill-ftehim ta’ kreditu; u

(ġ) informazzjoni dwar il-ħlasijiet dovuti li jkunu japplikaw minn meta jkun ġie konkluż il-ftehim ta' kreditu u, jekk ikun japplika, il-kondizzjonijiet taħt liema dawk il-ħlasijiet jistgħu jinbidlu; u

(ħ) it-tul ta’ żmien tal-ftehim ta’ kreditu.

(4) (a) Fejn ikun hemm bidla fir-rata ta’ self, il-kreditur għandu:

(i) jgħarraf lill-konsumatur b’dik il-bidla qabel id-dħul fis-seħħ tal-bidla;

(ii) jikkomunika l-informazzjoni bil-miktub jew permezz ta’ mezz durabbli;

(iii) jgħarraf lill-konsumatur bl-ammont ta’ ħlasijiet li jridu jsiru wara d-dħul fis-seħħ tar-rati ġodda ta’ self; u

(iv) jekk in-numru jew il-frekwenza tal-ħlasijiet jinbidel, jipprovdi lill-konsumatur id-dettalji ta’ dawk il-bidliet fil-ħlas.

(b) Madankollu, il-partijiet jistgħu jaqblu fil-ftehim ta’ kreditu li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) tkun mogħtija lill-konsumatur perjodikament fil-każijiet fejn il-bidla fir-rata ta’ self tkun ikkawżata minn bidla fir-rata ta’ referenza, ir-rata ġdida ta’ referenza għandha tkun disponibbli b’mod pubbliku permezz ta’ metodi xierqa li jistgħu jinkludu pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-kreditur jew reklam pubbliku, u l-informazzjoni dwar ir-rata ġdida ta’ referenza għandha ukoll tinżamm disponibbli fil-fond tal-kreditur.

(5) Fejn il-ftehim ta’ kreditu jkopri kreditu fil-forma ta' faċilità ta' *overdraft*:

(a) il-konsumatur għandu d-dritt li jiġi regolarment infurmat bil-miktub jew permezz ta' mezz durabbli permezz ta' rendikont tal-kont dwar:

(i) il-perjodu preċiż li għalih jirreferi r-rendikont;

(ii) l-ammonti u d-dati ta' ġbid ta' kreditu;

(iii) il-bilanċ mir-rendikont preċedenti, u d-data tiegħu;

(iv) il-bilanċ ġdid;

(v) id-dati u l-ammonti tal-ħlasijiet magħmula mill-konsumatur;

(vi) ir-rata ta' self applikata;

(vii) kull ħlas li ġie applikat; u

(viii) fejn ikun japplika, l-ammont minimu li għandu jitħallas.

(b) Jekk ikun hemm żieda fir-rata ta' self jew f'xi ħlasijiet pagabbli, il-konsumatur għandu d-dritt li jiġi infurmat bil-miktub jew permezz ta' mezz durabbli mill-kreditur dwar il-bidla involuta dwar il-bidla involuta u qabel l-bidla tidħol fis-seħħ.

(ċ) Madankollu, il-partijiet jistgħu jaqblu fil-ftehim ta' kreditu illi l-informazzjoni li tirrigwarda il-bidliet fir-rata ta' self tkun mogħtija fil-forma msemmija fil-paragrafu (a) fil-każijiet fejn il-bidla fir-rata ta' self tiġi kkawżata minn bidla fir-rata ta' referenza, ir-rata ġdida ta' referenza għandha tkun disponibbli b'mod pubbliku permezz ta' metodi xierqa li jistgħu jinkludu pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-kreditur jew reklam pubbliku, u l-informazzjoni dwar ir-rata ġdida ta' referenza għandha ukoll tinżamm disponibbli fil-fond tal-kreditur.

(6) Fejn japplika is-subregolament (1)(d), il-kreditur għandu jagħmel disponibbli lill-konsumatur, mingħajr ħlas u f'kull ħin tul il-ftehim tal-kreditu, rendikont fil-forma ta' tabella ta' amortizzazzjoni.

Dritt ta' terminazzjoni ta' ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa.

13. (1) Il-konsumatur għandu d-dritt li jittermina ftehim ta' kreditu bla skadenza fissa f'kull ħin u mingħajr ħlas.

(2) Ftehim ta’ kreditu lill-konsumatur jista’ madanakollu jipprovdi għal perjodu ta’ notifika ta’ mhux iżjed minn xahar qabel t-terminazzjoni mill-konsumatur.

(3) Jekk provdut fil-ftehim, il-kreditur jista’ jittermina ftehim ta’ kreditu bla skadenza fissa lill-konsumatur billi jagħti lill-konsumatur notifika ta’ mhux inqas minn xahrejn bil-miktub jew permezz ta’ mezz durabbli.

(4) Il-kreditur m’għandux jittermina d-dritt ta’ ġbid ta’ kreditu tal-konsumatur taħt ftehim ta’ kreditu bla skadenza fissa sakemm dik it-terminazzjoni ma tkunx provduta fil-ftehim u tkun minħabba raġunijiet oġġettivament ġustifikati.

Għal finijiet ta’ dan is-subregolament "raġunijiet oġġettivament ġustifikati" jinkludu s-suspett tal-kreditur li l-konsumatur ikun involut f’użu mhux awtorizzat jew frodulenti tal-kreditu, jew li jkun hemm ir-riskju sinifikanti tal-konsumatur li ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligu tiegħu li jrodd lura l-kreditu.

(5) Fejn il-kreditur ikun bi ħsiebu jinvoka d-disposizzjonijiet tas-subregolament (4), hu għandu jinforma bil-miktub jew permezz ta’ mezz durabbli lill-konsumatur bit-terminazzjoni u bir-raġunijiet li wasslu għal dik it-terminazzjoni qabel id-data tat-terminazzjoni jew, jekk ma jkunx prattiku, minnufih wara.

(6) Is-subregolament (5) m’għandux japplika fejn l-għoti ta’ informazzjoni tmur kontra l-politika pubblika jew sigurta’ pubblika jew tkun kontra l-liġi.

Dritt ta’ rtirar.

14. (1) Il-konsumatur għandu d-dritt li jirtira minn ftehim ta’ kreditu lill-konsumatur mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni.

(2) Id-dritt tal-konsumatur li jirtira għandu jkun eżerċitat fi żmien erbatax (14) -il jum suċċessiv liema perjodu jibda jiddekorri jew:

(a) mill-jum tal-konklużjoni tal-kuntratt, fejn kopja tal-kuntratt tingħata lill-konsumatur fl-istess data; jew

(b) mill-jum li fih il-konsumatur jirċievi it-termini u kondizzjonijiet kuntrattwali, u l-informazzjoni skont ir-regolamenti 12(1) sa (3), jekk dak il-jum huwa iżjed tard minn dik id-data msemmija fil-paragrafu (a):

Iżda, fejn għall-finijiet ta’ faċilitajiet ta’ kreditu mogħtija minn istituzzjonijiet bankarji ikun hemm il-bżonn ta’ ittra ta’ aċċettazzjoni, il-ftehim ta’ kreditu għandu jitqies konkluż fil-jum li

fih il-konsumatur jaċċetta bil-miktub jew permezz ta’ mezz durabbli it-termini u l-kondizzjonijiet imniżżla fil-ftehim relattiv għal dawk il-faċilitajiet ta’ kreditu, inkluż l-ittra ta’ konferma.

(3) Fil-każ illi l-konsumatur jeżerċità d-dritt ta’ rtirar, hu għandu:

(a) sabiex jagħti effett lill-irtirar qabel ma jiskadi t-terminu perentorju msemmi fis-subregolament (2), jinnotifika lill-kreditur f’konformità mal-informazzjoni mogħtija lill-konsumatur taħt ir-regolament 12(1)(ġ) b’mezzi li jistgħu jiġu provati skont il-liġi. L-iskadenza tat-terminu għandha titqies li ntlaħqet jekk in-notifika, sew bil-miktub jew permezz ta’ mezz durabbli li jkun disponibbli u aċċessibli għall-kreditur, tkun ntbagħtet qabel jiskadi t-terminu; u

(b) irodd lura lill-kreditur il-kreditu u l-mgħaxijiet akkumulati fuq dan il-kapital, li jkunu kalkolati fuq il-bażi tar-rata ta’ self speċifikata fil-ftehim, mid-data li fiha l-kreditu ikun inġibed sad-data li fiha jintradd lura l-kapital, mingħajr ebda dewmien bla bżonn u mhux aktar tard minn tletin (30) jum suċċessiv wara li jagħti in-notifikazzjoni skont il-paragrafu (a):

Iżda il-kreditur m'għandhux ikun intitolat għall-ebda kumpens ieħor mill-konsumatur fil-każ ta' rtirar, ħlief għal kumpens ta’ ħlasijiet li ma jistgħux jiġu rimborżati mħallsa mill-kreditur lil kull entità ta' amministrazzjoni pubblika.

(4) Jekk ikun provdut servizz anċillari relatat mal-ftehim ta' kreditu lill-konsumatur mill-kreditur jew minn terza parti fuq il-bażi ta' ftehim bejn it-terza parti u l-kreditur, il-konsumatur m'għandux jibqa' iżjed marbut bil-kuntratt dwar is-servizz anċillari jekk il-konsumatur jeżerċità d-dritt ta' rtirar tiegħu mill-ftehim ta' kreditu skont dan is-subregolament.

(5) Bis-saħħa tas-subregolamenti (1) sa (4), ir-regolamenti 7 u 8 tar-Regolamenti dwar *Distance Selling (Retail Financial Services)* u r-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Bejgħ mill-Bogħod m’għandhomx japplikaw. L.S. 330.07. L.S. 378.08.

(6) Is-subregolamenti (1) sa (4) m’għandhomx japplikaw għal ftehim ta’ kreditu li bil-liġi huma meħtieġa li jiġu konklużi quddiem Nutar Pubbliku:

Iżda n-nuqqas ta’ applikazzjoni tas-subregolamenti (1) sa (4) hija soġġetta għall-konferma minn Nutar Pubbliku illi l-konsumatur huwa garantit id-drittijiet provduti taħt ir-regolamenti 7 u 12.

Dritt tal-konsumatur li jieħu azzjoni kontra min jagħti kreditu.

15. (1) Meta il-konsumatur jeżerċita d-dritt ta’ rtirar, dwar kuntratt għall-provvista ta’ oġġetti jew servizzi, hu ma jkunx iżjed marbut bi ftehim ta’ kreditu konness.

(2) Il-konsumatur għandu d-dritt li jieħu azzjoni kontra min jagħti kreditu meta:

(a) sabiex jixtri oġġetti jew jakkwista servizzi, il-konsumatur jidħol fi ftehim ta’ kreditu ma’ kreditur li ma jkunx il-fornitur ta’ dawk l-oġġetti jew servizzi;

(b) min jagħti l-kreditu u l-fornitur tal-oġġetti jew servizzi ikollhom ftehim li jkun sar minn qabel li permezz tiegħu kreditu jsir esklużivament disponibbli minn dak li jagħti kreditu lill-klijenti ta’ dak il-fornitur għall-akkwist ta’ oġġetti jew servizzi mingħand dak il-fornitur;

(ċ) il-konsumatur imsemmi fil-paragrafu (a) jingħata l-kreditu tiegħu taħt dak il-ftehim li jkun sar minn qabel;

(d) l-oġġetti jew is-servizzi li jaqgħu taħt il-ftehim ta’ kreditu konness ma jiġux fornuti, jiġu fornuti biss f’parti, jew ma jkunux skont il-kuntratt għall-forniment tagħhom; u

(e) il-konsumatur ikun ħa azzjoni kontra l-fornitur għar-rimedji iżda ma rnexxilux jikseb ir-rimedju li għandu dritt għalih skont il-liġi jew il-kuntratt għall-provvista ta’ oġġetti jew servizzi.

Dritt ta’ ħlas lura bikri.

16. (1) Il-konsumatur għandu d-dritt li jifdi b’mod sħiħ jew parzjali l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt ftehim ta' kreditu qabel it-terminazzjoni miftiehma.

(2) Fil-każ li l-konsumatur irodd lura l-ħlas qabel it-terminazzjoni miftiehma:

(a) il-konsumatur għandu d-dritt għal tnaqqis fl-ispiża totali tal-kreditu li jkun jikkonsisti mill-interessi u l-ispejjeż taż-żmien li jkun baqa' tal-kreditu; u

(b) il-kreditur għandu d-dritt għal kumpens ġust u ġustifikat b'mod oġġettiv għal spejjeż possibbli direttament marbuta ma' ħlas lura bikri ta' kreditu sakemm il-ħlas lura bikri jaqa' f'perjodu li għalih ir-rata ta’ self hija fissa.

(3) Il-kumpens fis-subregolament (2)(b) ma jistax jaqbeż:

(a) il-wieħed fil-mija (1%) tal-ammont ta' kreditu li jkun

tħallas minn qabel, jekk il-perjodu ta' żmien bejn meta jkun sar il-ħlas minn qabel u t-terminazzjoni miftiehma tal-ftehim ta' kreditu jaqbeż is-sena; u

(b) il-punt ħamsa fil-mija (0.5%) tal-ammont ta' kreditu li jkun tħallas minn qabel, jekk il-perjodu ta' żmien bejn meta jkun sar il-ħlas lura bikri u t-terminazzjoni miftiehma tal-ftehim ta' kreditu ma jaqbiżx is-sena.

(4) (a) Il-limiti taħt is-subregolament (3) fir-rigward tal-ammont ta' kumpens li jista' jintalab mill-kreditur m'għandhomx japplikaw speċjalment jekk il-kreditur jagħti prova illi t-telf imġarrab minħabba l-ħlas lura bikri jaqbeż il-limitu stabbilit taħt l-imsemmi subregolament (3).

(b) Il-konsumatur jista' jitlob tnaqqis korrispondenti tal-kumpens mitlub mill-kreditur jekk il-kumpens jaqbeż it-telf attwalment imġarrab.

Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, it-telf imġarrab għandu jikkonsisti fid-differenza bejn ir-rata inizjali ta' mgħax miftiehma u r-rata ta' mgħax li biha l-kreditur jista' jsellef l-ammont imħallas bikri fuq is-suq fiż-żmien tal-ħlas lura bikri. Għandha wkoll tingħatha konsiderazzjoni għall-impatt ta' dak il-ħlas lura bikri fuq l-ispejjeż amministrattivi.

(5) Il-kumpens għall-ħlas lura bikri taħt is-subregolament (2)(b) m'għandux japplika:

(a) jekk il-ħlas lura sar taħt kuntratt ta' assigurazzjoni maħsub biex jipprovdi garanzija ta' radd lura ta' kreditu;

(b) fil-każ ta' faċilitajiet ta' *overdraft*;

(ċ) jekk il-ħlas lura jaqa' f'perjodu li għalih ir-rata ta' self mhix fissa; jew

(d) jekk l-ammont ta' ħlas lura bikri ma jaqbiżx it-tlett elef euro (€3,000) f'kull ħin fi żmien ta' tnax-il xahar.

(6) Il-kreditur ma jistax jitlob kumpens li jaqbeż l-ammont ta' mgħaxijiet li l-konsumatur ikun ħallas matul il-perjodu bejn il-ħlas lura bikri u d-data miftiehma tat-terminazzjoni tal-ftehim ta' kreditu.

Ċessjoni ta' drittijiet u tpaċija.

17. (1) Fil-każ li d-drittijiet tal-kreditur taħt ftehim ta' kreditu, jew fil-ftehim innifsu, jiġu ċeduti lill-terza parti, il-konsumatur għandu d-dritt li jeċċepixxi kontra dik it-terza parti, kull difiża li tkun disponibbli għalih kontra l-kreditur oriġinali. Din id-difiża tista' wkoll tinkludi id-dritt ta' tpaċija:

Kap. 16.

Iżda tista' tiġi eċċepita biss it-tpaċija skont id-disposizzjonijiet relevanti tal-artikoli 1196 sa 1204 tal-Kodiċi Ċivili, li għandhom japplikaw irrespettivament minn kull ħaġa kuntrarja li tkun fil-ftehim ta' kreditu.

(2) Fil-każ li d-drittijiet ta' kreditu huma ċeduti taħt is-subregolament (1), il-konsumatur għandu d-dritt li jiġi mgħarraf b'dik iċ-ċessjoni, ħlief fejn il-kreditur oriġinali, bi qbil maċ-ċessjonarju, ikompli jonora l-ftehim ta' kreditu fil-konfront tal-konsumatur.

Overrunning.

18. (1) Fil-każ ta' konsumatur li jidħol fi ftehim biex jinfetaħ kont kurrenti u l-konsumatur jitħalla jagħmel *overrun*, il-ftehim għandu jkun fih informazzjoni relatata:

(a) mar-rata ta' self;

(b) mal-kondizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dik ir-rata;

(c) mal-indiċi jew rata ta' referenza applikabbli għar-rata inizjali ta' self;

(d) mal-ħlasijiet applikabbli miż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu; u

(e) mal-kondizzjonijiet taħt liema dawk il-ħlasijiet jistgħu jinbidlu, jekk ikun applikabbli.

(2) F'każ li jkun hemm *overrunning* sinifikanti li jaqbeż il-perjodu ta' xahar, il-kreditur għandu jgħarraf lill-konsumatur mingħajr dewmien bl-*overrunning* bil-miktub jew permezz ta' mezz durabbli dwar l-ammont involut, ir-rata ta' self u, xi pieni, ħlasijiet jew imgħaxijiet bl-arretrati li jkunu applikabbli.

(3) Il-ftehim taħt is-subregolament (1) għandu jkun bil-miktub jew permezz ta' mezz durabbli u provdut fuq bażi regolari.

TAQSIMA 6
MIXXELLANJI

Reklamar. Kap. 378.

19. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet dwar prattiċi kummerċjali mhux ġusti taħt l-Att, fejn reklam ta' kreditu jkun

jinkludi rata ta’ mgħax jew kull ċifra relatata mal-ispiża tal-kreditu lill-konsumatur, ir-reklam għandu wkoll jinkludi informazzjoni *standard* permezz ta’ eżempju rappreżentattiv skont is-subregolament (2).

(2) L-eżempju rappreżentattiv imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkollu dawn il-punti ta’ informazzjoni li ġejjin:

(a) ir-rata ta’ self, fissa jew varjabbli jew it-tnejn li huma;

(b) id-dettalji dwar xi ħlasijiet inklużi fl-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur;

(ċ) l-ammont totali ta' kreditu;

(d) ir-rata perċentwali annwali ta’ ħlas ħlief fil-każ ta’ ftehim ta’ kreditu msemmija fir-regolament 8;

(e) t-tul ta' żmien tal-ftehim;

(f) fil-każ ta' kreditu fil-forma ta' ħlas differit għal oġġetti jew servizzi speċifiċi, il-prezz tal-ħlas fil-pront u l-ammont ta' xi ħlas bil-quddiem;

(ġ) jekk ikun applikabbli, l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur; u

(ħ) jekk ikun applikabbli, l-ammont ta’ kull ħlas bikri ta’ kreditu.

(3) (a) Reklam ta’ kreditu għandu jinkludi stqarrija ċara u konċiża rigward kull obbligazzjoni biex isir kuntratt dwar servizz anċillari relatat mal-ftehim ta’ kreditu, b’mod partikolari servizz ta’ assigurazzjoni, fejn:

(i) il-konklużjoni ta’ dak is-servizz hija obbligatorja biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu bit-termini u l-kondizzjonijiet kummerċjalizzati; u

(ii) l-ispiża ta' dak is-servizz ma tistax tiġi stabbilita minn qabel.

(b) Ir-reklam ta’ kreditu msemmi fis-subregolament (1) għandu jkun reklamat b’mod prominenti flimkien mar-rata perċentwali annwali ta’ ħlas.

Kreditu transkonfinali.

20. (1) Kreditur minn Stat Membru ieħor li jkun bi ħsiebu jidħol jew ikun daħal fi ftehim ta' kreditu ma' konsumatur f'Malta, għandu jkollu aċċess, taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għal kreditur Malti, għad-*databases* disponibbli f'Malta bil-għan li jivvaluta l-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur:

Iżda t-talba ta' kreditur għal aċċess tal-imsemmija *database* tista' tiġi rifjutata mid-detentur tad-*database* jekk l-informazzjoni li tkun ser tiġi pprovduta ma tkunx permessa b'xi liġi, jew tmur kontra l-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika ta' Malta.

(2) Jekk l-applikazzjoni għal kreditu tkun rifjutata fuq bażi ta' konsultazzjoni ta' *database*, il-kreditur għandu jgħarraf lill-konsumatur minnufih u mingħajr ħlas bir-riżultat ta' dik il-konsultazzjoni u d-dettalji tad-*database* konsultata.

(3) Dan ir-regolament huwa bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 440.

Kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas.

21. (1) Ir-rata perċentwali annwali ta' ħlas tfisser l-ammont totali ta' kreditu lill-konsumatur, espressa bħala perċentwal annwali tal-ammont totali ta' kreditu.

(2) Ir-rata perċentwali annwali ta' ħlas, li tekwavali, fuq bażi annwali, għall-valur preżenti tal-impenji kollha (ġbid ta' kreditu, radd lura u imposti), futuri jew eżistenti, miftiehma bejn il-kreditur u l-konsumatur, għandha tiġi kalkolata skont il-formola matematika mniżżla fit-Taqsima I tat-Tielet Skeda.

(3) L-ispejjeż li ġejjin għandhom ikunu inklużi fl-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur:

(a) l-ispejjeż biex jinżamm kont li jirreġistra kemm transazzjonijiet ta' ħlas u kif ukoll ta' ġbid ta' kreditu;

(b) l-ispejjeż tal-użu ta' mezz ta' ħlas kemm għal transazzjonijiet ta' ħlas u kif ukoll għal ġbid ta' kreditu; u

(ċ) spejjeż oħra relatati ma' transazzjonijiet ta' ħlas.

(4) L-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (3) m' għandhomx jiġu inklużi fl-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur sakemm il-ftuħ tal-kont ikun fakultattiv u l-ispejjeż tal-kont ikunu ntwerew b'mod ċar u separatament fil-ftehim ta' kreditu tal-konsumatur jew f'kull ftehim ieħor konkluż mal-konsumatur.

(5) Għall-finijiet ta' kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas, l-ispiża totali ta' kreditu lill-konsumatur għandha tiġi stabbilita,

bl-eċċezzjoni ta' kull ħlas pagabbli mill-konsumatur għal nuqqas ta' konformità ma' kull impenn min-naħa tiegħu stabbilit fil-ftehim ta' kreditu u ħlasijiet barra mill-prezz tax-xiri li, għal xiri ta' oġġetti u servizzi, hu obbligat iħallas irrespettivament minn jekk it-transazzjoni issirx permezz ta' ħlas fil-pront jew permezz ta' kreditu.

(6) Il-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas għandha tkun bażata fuq is-suppożizzjoni li:

(a) il-ftehim ta' kreditu għandu jibqa' validu għall-perjodu miftiehem u l-kreditur u l-konsumatur jkun se jissodisfa l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt it-termini u sad-dati speċifikati fil-ftehim ta' kreditu; u

(b) r-rata ta' self u ħlasijiet oħra jibqgħu fissi bħal-livell inizjali u jibqgħu japplikaw sat-tmiem tal-ftehim tal-kreditu fiċ-ċirkostanza illi l-ftehim ta' kreditu ikollu klawsola li tippermetti tibdil fir-rata ta' self u, jekk ikun japplika, ħlasijiet inklużi fir-rata perċentwali annwali ta' ħlas iżda li ma jistgħux jiġu kkwantifikati fil-ħin tal-kalkolu.

(7) Fejn neċessarju is-suppożizzjonijiet addizzjonali mniżżla fit-Tielet Skeda jistgħu jintużaw fil-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas.

Infurzar u sorveljanza.

22. Għandha tkun ir-responsabbiltà tad-Direttur taħt dawn ir-regolamenti li:

(a) jsegwi t-tħaddim u l-effettività ta' dawn ir-regolamenti u jieħu dawk il-miżuri li jqis neċessarji bil-għan li jaċċerta l-ħarsien ta' dawn ir-regolamenti;

(b) jissorvelja l-krediturі u l-intermedjarji ta' kreditu, u jaċċerta l-ħarsien min-naħa tagħhom tal-obbligazzjonijiet identifikati taħt dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jaċċerta illi d-drittijiet mogħtija b'dawn ir-regolamenti lill-konsumatur ma jkunux mnaqqsa bid-disposizzjoni ta' ebda liġi oħra.

Multi Amministrattivi u d-dritt ta' appell. Kap. 378.

23. (1) Id-Direttur jista' jimponi multa amministrattiva, joħroġ dik l-ordni, jew deċiżjoni jew jieħu dik il-miżura kif iqis xieraq skont it-termini tal-Att, fuq kull persuna li tikser jew tonqos milli tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel il-piena ta' multa amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed

minn ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000).

(3) Fil-każ ta' nuqqas ta' ħarsien ta' ordni ta' konformita', id-Direttur jista' jimponi multa kwotidjana ta' mhux inqas minn mija u tletin euro (€130) u mhux iżjed minn mitejn u tlett mitt euro (€230) għal kull jum ta' nuqqas ta' ħarsien.

(4) Biex jiġi stabbilit l-ammont tal-multa amministrattiva speċifikata f'dan ir-regolament, id-Direttur għandu jkun gwidat bil-konsiderazzjonijiet li ġejjin-

(a) għal ksur ta' liġi taħt dawn ir-regolamenti, l-ammont bażiku għandu jkun għoxrin elf euro (€20,000):

Iżda id-Direttur jista', meta jkun qed jiffissa l-multa, jieħu kont taċ-ċirkostanzi li jistgħu iwasslu għal żieda jew tnaqqis tal-ammont bażiku:

Iżda wkoll id-Direttur għandu jagħmel hekk fuq il-bażi ta' verifika sħiħa li tieħu kont taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż il-valur tal-kreditu u t-*turnover* tal-kreditur;

(b) id-Direttur jista' jimponi multa amministrattiva ogħla mill-ammont bażiku meta ikun hemm ċirkostanzi aggravanti, fir-rigward, partikolarment, tal-gravita' u t-tul tal-ksur ta' liġi u, jew tal-ammont tal-qligħ miksub mhux xieraq bħala riżultat tal-ksur ta' liġi;

(ċ) bla ħsara għal ġeneralita' tal-paragrafu (b), dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

(i) it-tieni ksur ta' liġi jew ksur sussegwenti;

(ii) meta l-ksur ta' liġi jkun jikkostitwixxi prattiċi kummerċjali mhux ġusti taħt l-Att; u

(d) l-ammont bażiku jista' jitnaqqas meta d-Direttur isib illi hemm ċirkostanzi mitiganti b'mod partikolari:

(i) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, kif ikun il-każ, jagħti prova illi kien waqqaf il-ksur ta' liġi konċernat qabel ma jew eżatt meta d-Direttur beda l-investigazzjoni;

(ii) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, kif ikun il-każ, jagħti prova illi kien ħa passi adekwati biex itaffi l-effetti negattivi tal-ksur ta' liġi; u

(iii) meta l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu, kif ikun il-każ, li jkun ġie notifikat b'avviż skont l-artikolu 106A(5) tal-Att, jagħżel illi jħallas l-multa amministrattiva mingħajr kontestazzjoni:

Iżda dan il-paragrafu m'għandux japplika fil-każ tat-tieni ksur ta' liġi jew il-ksur ta' liġi sussegwenti.

(5) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, id-Direttur għandu ikollu l-istess setgħat ta' investigazzjoni u infurzar kif preskritti bl-Att.

(6) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi deċizjoni, ordni, multa amministrattiva jew miżura meħuda mid-Direttur, tista' tintavola appell quddiem il-Bord tal-Appell mwaqqaf skont l-artikolu 110A tal-Att, u l-artikoli 110B sa 110Ġ tal-Att għandhom *mutatis mutandis* japplikaw.

Regolamenti li għandhom jipprevalu.

24. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu u japplikaw minkejja kull ħaġa kuntrarja li jkun hemm f'xi ftehim ta' kreditu li jidħol fih il-konsumatur.

(2) Kull rinunzja mill-konsumatur ta' xi wieħed mid-drittijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti tkun nulla u bla effett.

(3) Minkejja li jkun hemm xi disposizzjoni fil-ftehim ta' kreditu li tkun tistipola illi l-liġi applikabbli tal-ftehim ta' kreditu tkun il-liġi ta' pajjiż mhux Membru Stat, il-protezzjoni mogħtija b'dawn ir-regolamenti għandha tkompli tapplika meta l-ftehim ta' kreditu ikollu rabta mill-qrib mat-territorju ta' Malta jew ma ta' kull Stat Membru ieħor.

Ħassar L.S. 378.10.

25. (1) Ir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur, 2005, għandhom mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jiġu mħassra, ħlief:

(a) għar-regolament 5, it-Tieni Skeda u t-Tielet Skeda; u

(b) għar-regolamenti 3, 4, 6, 7(1), 9 sa 12, 14, 16 sa 18, u l-Ewwel, ir-Raba' u l-Ħames Skeda sakemm jkunu japplikaw għal self fuq id-djar ta' abitazzjoni.

(2) Bla ħsara għas-subregolament (1), ftehim li jidħlu fih partijiet taħt ir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur, 2005, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għandu jibqgħu fis-seħħ u jkunu regolati bit-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli għalihom.

L-EWWEL SKEDA
[Regolament 7]

INFORMAZZJONI STANDARD EWROPEA DWAR IL-KREDITU LILL-KONSUMATUR

1. Dettalji dwar l-identità u ta' kuntatt tal-kreditur/tal-intermedjarju tal-kreditu

Kreditur Indirizz Numru tat-Telefon (*) Indirizz tal-posta elettronika (*) Numru tal-*Fax* (*) Indirizz web (*)	[Identità] [Indirizz ġeografiku li għandu jintuża mill-konsumatur]
Jekk ikun japplika Intermedjarju tal-kreditu Indirizz Numru tat-Telefon (*) Indirizz tal-posta elettronika (*) Numru tal-*Fax* (*) Indirizz web (*)	[Identità] [Indirizz ġeografiku li għandu jintuża mill-konsumatur]

(*) Din l-informazzjoni hija fakultattiva għall-kreditur.

Kull fejn hemm indikat "jekk ikun japplika", il-kreditur għandu jimla l-kaxxa jekk l-informazzjoni hija rilevanti għall-prodott ta' kreditu jew iħassar l-informazzjoni rispettiva jew ir-ringiela kollha jekk l-informazzjoni mhix rilevanti għat-tip ta' kreditu kkunsidrat.

Indikazzjonijiet bejn parentesi kwadri jagħtu spjegazzjoni lill-kreditur u għandhom ikunu sostitwiti bl-informazzjoni korrispondenti.

2. Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tal-prodott ta' kreditu

It-tip ta’ kreditu	
L-ammont totali tal-kreditu *Dan ifisser il-limitu massimu jew is-somom totali disponibbli taħt il-ftehim ta' kreditu*	
Il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ġbid tal-kreditu *Dan ifisser kif u meta inti tkun tista' tikseb il-flus*	
It-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu	
Ħlasijiet bin-nifs u, fejn xieraq, l-ordni li bih il-ħlasijiet bin-nifs ser ikunu allokati	Int ser ikollok tħallas dan li ġej: [L-ammont, in-numru u l-frekwenza tal-ħlasijiet li għandhom isiru mill-konsumatur] Mgħax u/jew ħlasijiet ser jitħallsu bil-mod li ġej.
L-ammont totali li inti ser ikollok tħallas *Dan ifisser l-ammont tal-kapital misluf flimkien mal-interessi u l-ispejjeż possibbli relatati mal-kreditu tiegħek.*	[Is-somma tal-ammont totali tal-kreditu u l-ispiża totali tal-kreditu]
Jekk ikun applika Il-kreditu huwa mogħti fil-forma ta' ħlas differit għal oġġetti jew servizz jew huwa konness mal-provvista ta' oġġetti speċifiċi jew l-għoti ta' servizz Isem tal-oġġett/servizz Prezz għal ħlas fil-pront	

Jekk ikun japplika Garanziji meħtieġa *Din hija deskrizzjoni tal-garanzija li inti għandek tagħti rigward il-ftehim ta' kreditu.*	[Tipi ta' garanzija]
Jekk ikun japplika *Ħlasijiet lura ma jagħtux lok għal amortizzazzjoni immedjata tal-kapital.*	

3. Spejjeż tal-kreditu

Ir-rata ta' self jew jekk ikun japplika rati ta' self differenti li japplikaw għall-ftehim ta' kreditu	[% - fiss jew, - varjabbli (bl-indiċi jew ir-rata ta' referenza applikabbli għar-rata ta' self inizjali), - perjodi],
Rata perċentwali annwali ta' ħlas (APR) *Din hija l-ispiża totali espressa bħala perċentwali annwali tal-ammont totali ta' kreditu.* *L-APR qiegħda hemmhekk biex tgħinek tqabbel offerti differenti.*	[% Eżempju rappreżentattiv li jsemmi l-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu tar-rata li għandha tiġi indikata hawn]
Huwa obbligatorju, biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu fuq it-termini jew il-kondizzjonijiet ikkumerċjalizzati, biex tieħu - polza ta' assigurazzjoni li tassigura l-kreditu, jew - kuntratt ta' servizz anċillari ieħor *Jekk l-ispiża ta' dawn is-servizzi mhijiex magħrufa mill-kreditur dawn mhumiex inklużi fl-APR*	Iva/Le [jekk iva indika t-tip ta' assigurazzjoni] Iva/Le [jekk iva indika t-tip ta' servizz anċillari]
Spejjeż relatati	
Jekk ikun japplika Iż-żamma ta' kont wieħed jew ta' diversi kontijiet hija meħtieġa biex jiġu reġistrati kemm transazzjonijiet ta' ħlas kif ukoll ta' ġbid	
Jekk ikun japplika Ammont ta' spejjeż għall-użu ta' mezz ta' ħlas speċifiku (per eżempju, karta ta' kreditu)	
Jekk ikun japplika Xi spejjeż oħra li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu	
Jekk ikun japplika Kondizzjonijiet taħt liema jistgħu jinbidlu l-ispejjeż imsemmija hawn fuq relatati mal-ftehim ta' kreditu	
Jekk ikun japplika Obbligu tal-ħlas ta' spejjeż notarili	
Spejjeż fil-każ ta' ħlas tard *Ħlasijiet nieqsa jista' jkollhom konsegwenzi gravi għalik (per eżempju, bejgħ sfurzat) u jagħmlu l-kisba ta' kreditu aktar diffiċili.*	Inti ser tkun impost [..... (rata ta' interessi u arranġamenti għall-aġġustar tar-rata applikabbli u, fejn ikun japplika ħlasijiet minħabba nuqqas ta' ħlas)] għal ħlasijiet nieqsa.

4. Aspetti legali importanti oħra

Dritt ta' rtirar *Inti għandek id-dritt li tirtira mill-ftehim ta' kreditu fi żmien 14-il jum suċċessiv.*	Iva/Le
Ħlas lura bikri *Inti għandek id-dritt li trodd lura l-kreditu kmieni f'kull ħin kompletament jew parzjalment.*	

Jekk ikun japplika Il-kreditur għandu d-dritt għal kumpens fil-każ ta' ħlas lura bikri.	[Determinazzjoni tal-kumpens (metodu ta' kalkolu) skont id-disposizzjonijiet li jimplimentaw ir-Regolament 16 tar-Regolamenti tal-2010 dwar Kreditu lill-Konsumatur]
Konsultazzjoni ta' *database* *Il-kreditur irid jinfurmak minnufih u mingħajr ħlas bir-riżultat ta' konsultazzjoni ta' database, jekk applikazzjoni għal kreditu tkun rifjutata abbażi ta' dik il-konsultazzjoni. Dan ma japplikax jekk l-għoti ta' dik l-informazzjoni huwa pprojbit bil-liġi tal-Komunità Ewropea jew huwa kontra l-objettivi tal-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika.*	
Dritt għal abbozz ta' ftehim ta' kreditu *Inti għandek id-dritt, fuq talba, li tikseb kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu mingħajr ħlas. Din id-disposizzjoni ma tapplikax jekk il-kreditur fil-ħin tat-talba ma jkunx lest li jipproċedi bil-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu miegħek.*	
Jekk ikun japplika Il-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur huwa marbut bl-informazzjoni prekuntrattwali	Din l-informazzjoni hija valida minn … sa …

Jekk ikun japplika

5. Informazzjoni addizzjonali fil-każ ta' kummerċjalizzazzjoni mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji

(a) dwar il-kreditur	
Jekk ikun japplika Rappreżentant tal-kreditur fl-Istat Membru ta' residenza tiegħek Indirizz Numru tat-Telefon (*) Indirizz tal-posta elettronika (*) Numru tal-Fax (*) Indirizz web (*)	[Identità] [Indirizz ġeografiku li għandu jintuża mill-konsumatur]
Jekk ikun japplika Reġistrazzjoni	[Ir-reġistru kummerċjali li fih huwa mdaħħal il-kreditur u n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu jew mezzi ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-reġistru]
Jekk ikun japplika L-awtorità ta' kontroll	
(b) dwar il-ftehim ta' kreditu	
Jekk ikun japplika Eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar Jekk ikun japplika Il-liġi meħuda mill-kreditur bħala l-bażi għall-istabbiliment tar-relazzjonijiet miegħek qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu	[Struzzjonijiet prattiċi għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar li jindikaw, inter alia, il-perjodu għall-eżerċizzju tad-dritt: l-indirizz li fih għandha tintbagħat in -notifika tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar; u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżerċizzju ta' dak id-dritt]
Jekk ikun japplika Klawżola li tistabbilixxi il-liġi regolatorja applikabbli għall-ftehim ta' kreditu u/jew il-qorti kompetenti	[Il-klawżola rilevanti għandha titniżżel hawn]

Jekk ikun japplika Reġim lingwistiku	L-informazzjoni u t-termini kuntrattwali ser jiġu fornuti bil-[lingwa speċifika]. Bil-kunsens tiegħek, aħna bi ħsiebna nikkomunikaw bil-[lingwa/lingwi speċifiċi] matul it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu.
(ċ) dwar rimedju	
Eżistenza ta' u aċċess għal mekkaniżmu ta' ilment barra mill-qorti u ta' rimedju	[Jekk jeżistix jew le mekkaniżmu ta' ilment barra mill-qorti u ta' rimedju għall-konsumatur li huwa parti għall-ftehim ta' kreditu ta' distanza u, jekk iva, il-metodi tal-aċċess għalih]

(*) Din l-informazzjoni hija fakultattiva għall-kreditur.

IT-TIENI SKEDA
[Regolament 8]

INFORMAZZJONI EWROPEA DWAR IL-KREDITU
LILL-KONSUMATUR GĦAL

(1) *overdrafts*

(2) konverżjoni ta’ dejn

1. Dettalji dwar l-identità u ta' kuntatt tal-kreditur/tal-intermedjarju tal-kreditu

Kreditur Indirizz Numru tat-Telefon (*) Indirizz tal-posta elettronika (*) Numru tal-*Fax* (*) Indirizz web (*)	[Identità] [Indirizz ġeografiku li għandu jintuża mill-konsumatur]
Jekk ikun japplika Intermedjarju tal-kreditu Indirizz Numru tat-Telefon (*) Indirizz tal-posta elettronika (*) Numru tal-*Fax* (*) Indirizz web (*)	[Identità] [Indirizz ġeografiku li għandu jintuża mill-konsumatur]

(*) Din l-informazzjoni hija fakultattiva għall-kreditur.

Kull fejn hemm indikat "jekk ikun japplika", il-kreditur għandu jimla l-kaxxa jekk l-informazzjoni hija rilevanti għall-prodott ta' kreditu jew iħassar l-informazzjoni rispettiva jew ir-ringiela kollha jekk l-informazzjoni mhix rilevanti għat-tip ta' kreditu kkunsidrat.

Indikazzjonijiet bejn parentesi kwadri jagħtu spjegazzjoni lill-kreditur u għandhom ikunu sostitwiti bl-informazzjoni korrispondenti.

2. Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tal-prodott ta' kreditu

It-tip ta’ kreditu	
L-ammont totali ta’ kreditu *Dan ifisser il-limitu massimu jew is-somom totali disponibbli taħt il-qbil ta' kreditu*	
It-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu	
Jekk applikabbli Inti tista' tintalab trodd lura l-ammont sħiħ ta' kreditu, fuq talba, f’kull ħin.	

3. Spejjeż tal-kreditu

Ir-rata ta' self jew, jekk applikabbli, rati ta' self differenti li japplikaw għall-ftehim ta' kreditu	[% - fiss jew, - varjabbli (bl-indiċi jew ir-rata ta' referenza applikabbli għar-rata ta' self inizjali), - perjodi],

Rata Perċentwali Annwali ta' Ħlas (APR) *Din hija l-ispiża totali espressa bħala perċentwali annwali tal-ammont totali ta' kreditu.* *L-APR qiegħda hemmhekk biex tgħinek tqabbel offerti differenti.*	[% Eżempju rappreżentattiv li jsemmi l-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu tar-rata li għandha tiġi indikata hawn]
Jekk ikun japplika Spejjeż Jekk ikun japplika Il-kondizzjonijiet taħt liema dawk l-ispejjeż jistgħu jinbidlu	[L-ispejjeż applikabbli mill-ħin meta l-ftehim ta' kreditu jiġi konkluż]
Spejjeż fil-każ ta' ħlas tard *Ħlasijiet nieqsa jista' jkollhom konsegwenzi gravi għalik (per eżempju, bejgħ sfurzat) u jagħmlu l-kisba ta' kreditu aktar diffiċili.*	Inti ser tkun impost [..... (rati ta' interessi u arranġamenti għall-aġġustar tar-rata applikabbli u, fejn applikabbli, ħlasijiet minħabba nuqqas ta' ħlas)] għal ħlasijiet nieqsa.

4. Aspetti legali importanti oħra

Terminazzjoni tal-ftehim ta' kreditu	[Il-kondizzjonijiet u l-proċedura għat-terminazzjoni tal-ftehim ta' kreditu]
Konsultazzjoni ta' *database* *Il-kreditur irid jinfurmak minnufih u mingħajr ħlas bir-riżultat ta' konsultazzjoni ta' database, jekk applikazzjoni għal kreditu tkun rifjutata abbażi ta' dik il-konsultazzjoni. Dan ma japplikax jekk l-għoti ta' dik l-informazzjoni huwa pprojbit bil-liġi tal-Komunità Ewropea jew huwa kontra l-objettivi tal-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika..*	
Jekk ikun japplika Il-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur huwa marbut bl-informazzjoni prekuntrattwali	Din l-informazzjoni hija valida minn … sa …

Jekk ikun japplika

5. Informazzjoni adizzjonali li għandha tingħata meta l-informazzjoni prekuntrattwali tkun dwar kreditu lill-konsumatur għal konverżjoni ta' dejn.

Ħlasijiet bin-nifs u, fejn xieraq, l-ordni li bih il-ħlasijiet bin-nifs ser ikunu allokati	Int ser ikollok tħallas dan li ġej: [Eżempju rappreżentattiv ta' tabella ta' ħlasijiet li tinkludi l-ammont, in-numru u l-frekwenza tal-ħlasijiet li għandhom isiru mill-konsumatur]
L-ammont totali li inti ser ikollok tħallas	
Ħlas lura bikri *Inti għandek id-dritt li trodd lura l-kreditu kmieni f'kull ħin kompletament jew parzjalment.* Jekk ikun japplika Il-kreditur għandu d-dritt għal kumpens f'każ ta' ħlas lura bikri.	[Determinazzjoni tal-kumpens (metodu ta' kalkolu) skont id-disposizzjonijiet li jimplimentaw ir-Regolament 16 tar-Regolamenti tal-2010 dwar Kreditu lill-Konsumatur]

Jekk ikun japplika

6. Informazzjoni addizzjonali fil-każ ta' kummerċjalizzazzjoni mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji

(a) dwar il-kreditur	
Jekk ikun japplika Rappreżentant tal-kreditur fl-Istat Membru ta' residenza tiegħek Indirizz Numru tat-Telefon (*) Indirizz tal-posta elettronika (*) Numru tal-*Fax* (*) Indirizz web (*)	[Identità] [Indirizz ġeografiku li għandu jintuża mill-konsumatur]
Jekk ikun japplika Reġistrazzjoni	[Ir-reġistru kummerċjali li fih huwa mdaħħal il-kreditur u n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu jew mezzi ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-reġistru]
Jekk ikun japplika L-awtorità ta' kontroll	
(b) dwar il-ftehim ta' kreditu	
Dritt ta' rtirar *Inti għandek id-dritt li tirtira mill-ftehim ta' kreditu fi żmien 14-il jum suċċessivi* Jekk applikabbli Eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar	Iva/Le [Struzzjonijiet prattiċi għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar li jindikaw, fost oħrajn, l-indirizz li fih għandha tintbagħat in-notifika tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżerċizzju ta' dan id-dritt]
Jekk ikun japplika Il-liġi meħuda mill-kreditur bħala bażi għall-istabbiliment tar-relazzjonijiet miegħek qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu	
Jekk ikun japplika Klawżola li tistabbilixxi il-liġi regolatorja applikabbli għall-ftehim ta' kreditu u/jew il-qorti kompetenti	[Il-klawżola rilevanti għandha titniżżel hawn]
Jekk ikun japplika Reġim lingwistiku	L-informazzjoni u t-termini kuntrattwali ser jiġu fornuti bil-[lingwa speċifika]. Bil-kunsens tiegħek, aħna bi ħsiebna nikkomunikaw bil-[lingwa/lingwi speċifiċi] matul it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu .
(ċ) dwar ir-rimedju	
Eżistenza ta' u aċċess għal mekkaniżmu ta' ilment barra mill-qorti u ta' rimedju	[Jekk jeżistix jew le mekkaniżmu ta' ilment barra mill-qorti u ta' rimedju għall-konsumatur li huwa parti għall-ftehim ta' kreditu u, jekk iva, il-metodi tal-aċċess għalih]

(*) Din l-informazzjoni hija fakultattiva għall-kreditur.

IT-TIELET SKEDA

[Regolament 21]

I. L-ekwazzjoni bażika li tesprimi l-ekwivalenza ta' ġbid ta' kreditu minn naħa l-waħda u ħlas lura u ħlasijiet min-naħa l-oħra.

L-ekwazzjoni bażika, li tistabbilixxi r-rata perċentwali annwali ta’ ħlas (APR), fuq bażi annwali, hija daqs il-valur totali preżenti ta' ġbid ta' kreditu min-naħa l-waħda u t-total tal-valur preżenti ta' radd lura u ħlas ta' ħlasijiet min-naħa l-oħra, jiġifieri:

$$\sum_{k=1}^{m} C_k(1+X)^{-t_k} = \sum_{l=1}^{m'} D_l(1+X)^{-S_l}$$

fejn

X hija l-APR,

m hija n-numru tal-aħħar ġbid ta' kreditu,

k hija n-numru ta' ġbid ta' kreditu, għalhekk $1 \leq k \leq m$,

C_k hija l-ammont ta' ġbid ta' kreditu k,

t_k hija l-intervall, espress fi snin u frazzjonijiet ta' sena, bejn id-data tal-ewwel ġbid ta' kreditu u d-data ta' kull ġbid ta' kreditu sussegwenti, għalhekk t1 = 0,

m’ hija n-numru tal-aħħar ħlas lura jew ħlas ta' ħlasijiet,

l hija n-numru ta' ħlas lura jew ħlas ta' ħlasijiet,

D_l hija l-ammont ta' ħlas lura jew ħlas ta' ħlasijiet,

S_l hija l-intervall, espress fi snin u frazzjonijiet ta' sena, bejn id-data tal-ewwel ġbid ta' kreditu u d-data ta' kull ħlas lura jew ħlas ta' ħlasijiet.

Rimarki:

(a) L-ammonti mħallsa miż-żewġ partijiet fi żminijiet differenti mhux neċessarjament ikunu ndaqs u mhux neċessarjament jitħallsu f'intervalli ndaqs.

(b) Id-data tal-bidu għandha tkun dik tal-ewwel ġbid ta' kreditu.

(ċ) Intervalli bejn id-dati wżati fil-kalkoli għandhom ikunu espressi fi

snin jew frazzjonijiet ta' sena. Sena hija preżunta li fiha 365 jum (jew 366 jum fi snin biżestili), 52 ġimgħa jew 12-il xahar indaqs. Xahar indaqs huwa preżunt li fih 30.41666 jum (jiġifieri 365/12) irrispettivament minn jekk hix sena biżestili jew le.

(d) Ir-riżultat tal-kalkolu għandu jiġi espress b'eżattezza ta' mill-inqas punt deċimali wieħed. Jekk il-figura fil-punt deċimali li ssegwi hija akbar minn jew ugwali għal 5, iċ-ċifra f'dan il-post deċimali partikolari għandha tiżdied b'wieħed.

(e) L-ekwazzjoni tista' tinkiteb mill-ġdid bl-użu ta' somma waħda u l-kunċett ta' *flows* (A_k), li jkun pożittiv jew negattiv, fi kliem ieħor jew imħallas jew riċevut matul il-perjodi 1 sa k, espress fi snin, jiġifieri:

$$S = \sum_{k=1}^{n} A_k (1 + X)^{-t_k},$$

S huwa l-bilanċ preżenti tal-*flows*. Jekk l-għan hu li tinżamm l-ekwivalenza tal-*flows*, il-valur ikun żero.

II. Suppożizzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas

(a) jekk ftehim ta' kreditu jagħti lill-konsumatur libertà fil-ġbid ta' kreditu, l-ammont totali ta' kreditu għandu jitqies li jkun inġibed bħala self minnufih u interament;

(b) jekk ftehim ta' kreditu jipprovdi modi differenti għall-ġbid ta' kreditu bi ħlasijiet jew rati ta’ self differenti, l-ammont totali ta' kreditu għandu jitqies bħala li nġibed fl-ogħla ħlas u rata ta’ self applikata għall-mekkaniżmu għall-ġbid tal-kreditu l-iktar komuni għal dan it-tip ta' ftehim ta' kreditu;

(ċ) jekk ftehim ta' kreditu jagħti lill-konsumatur il-libertà ta' ġbid ta' kreditu in ġenerali iżda jimponi, fost il-metodi differenti ta' ġbid ta' self, limitu fir-rigward tal-ammont u l-perjodu ta' żmien, l-ammont ta' kreditu għandu jitqies bħala li nġibed fl-aktar data bikrija prevista fil-ftehim u skont dawk il-limiti ta' ġbid ta' kreditu;

(d) jekk m'hemmx skeda ta' żmien fissa għal ħlas lura, għandu jiġi ssoponut:

(i) li l-kreditu hu provdut għal perjodu ta' sena; u

(ii) li l-kreditu jitħalla lura fi tnax-il ħlas bin-nifs indaqs u f'intervalli mensili;

(e) jekk teżisti skeda ta' żmien fissa biex isir il-ħlas lura iżda l-ammont ta' dawk il-ħlasijiet lura huwa flessibbli, l-ammont ta' kull ħlas lura għandu jiġi meqjus li huwa l-aktar wieħed baxx li għalih jipprovdi l-ftehim;

(f) sakemm ma jkunx speċifikat xort'oħra, fejn il-ftehim ta' kreditu jipprovdi għal aktar minn data waħda ta' ħlas lura, il-kreditu għandu jsir disponibbli u l-ħlasijiet lura jsiru fl-eqreb data prevista fil-ftehim;

(ġ) jekk il-limiti massimu applikabbli għall-kreditu għadu ma ġiex miftiehem, dak il-limitu massimu jitqies li hu elf u ħames mitt euro (€1500);

(ħ) fil-każ ta' faċilita' ta' *overdraft* l-ammont totali ta' kreditu għandu jiġi meqjus li huwa miġbud kompletament u għat-tul ta' żmien kollu tal-ftehim ta' kreditu. Jekk it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu mhux magħruf ir-rata perċentwali annwali ta' ħlas għandha tiġi kkalkolata fuq is-suppożizzjoni li t-tul ta' żmien tal-kreditu hija ta' tlett xhur;

(i) jekk jiġu offruti rati ta' mgħaxijiet u ħlasijiet differenti għal perjodu jew ammont limitat, ir-rata ta' mgħax u l-ħlasijiet għandhom jitqiesu li huma l-ogħla rata għat-tul ta' żmien kollu tal-ftehim ta' kreditu; u

(j) għal ftehim ta' kreditu tal-konsumatur li għalihom hija miftiehma rata ta' self fissa fir-rigward tal-perjodu inizjali, li fi tmiem tiegħu hija determinata rata ta' self ġdida u sussegwentement perjodikament aġġustata skont indikatur miftiehem, il-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas għandu jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni li, fi tmiem il-perjodu tar- rata ta' self fissa, ir-rata ta' self hija l-istess bħal fil-ħin tal-kalkolu tar-rata perċentwali fissena, abbażi tal-valur tal-indikatur miftiehem f'dak il-ħin.